**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Dicembru 2018**

**Talba Nru: 229/17 CZ**

**Avv. Étienne A. Calleja**

**vs.**

**Francesco Mazzeo u Malta by Frank Limited**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur mressqa fit-28 t'April 2017 u li permezz taghha talab minghand il-konvenuti l-hlas ta' elf, mija u hmistax- il Euro u ghaxar centezmi, ghas-segwenti ragunijiet:

Illi l-partijiet dahlu ghal ftehim ghal proviggjoni ta' servizzi legali datata l-1 ta' Jannar 2017, fejn min-naha l-wahda l-attur intrabat u obbliga ruhu li jipprovdi servizz ta' konsulenza legali, sia gudizzjarju kif ukoll extra-gudizzjarju u gew iffissati rati ta'

hlas. Il-konvenuti accettaw dan il-ftehim u gew provduti sahansitra b'kopja bil-lingwa Taljana, kemm-il darba gie spjegat lilhom anke bil-fomm;

Illi l-konvenut gew provvduti servizzi legali, liema kuntratt kien validu ghal perjodu ta' sena, li izda gie mitmum nhar it-3 ta' Marzu 2017 meta mal-prezentata tal-ewwel kont il-konvenuti irrifjutaw ihallsu ghas-servizzi rezi u kif ser jigi muri fil-kors tat-trattazzjoni tat-talba ghamlu allegazzjonijiet ta' natura dispregjevoli fil-konfront tal-attur u gabu hafna skuzi fiergha u bla bazi ghalfejn ma ridux jaghmlu l-hlas. Dan kollu jintwera fil-kors tat-trattazzjoni tat-talba.

Illi l-kontijiet li dwarhom tikkoncerna din il-vertenza huma dawk ta' Jannar u Frar, 2017. Dan l-invoices flimkien ma' rapporti li jelenkaw in-natura tax-xoghol li kien gie zvolt fil-konfront tal-konvenuti juru li l-ammont addebitat lill-konvenut jammonta ghas-somma ta' elf, mija u hmistax-il euro u ghaxar centezmi (€1,115.10).

Illi peress li l-konvenuti gew interpellati b'ittra ufficcjali bin-numru 546/2017, u li ghaliha rrispondew li l-ammont ma huwiex dovut stante li dak l kien qieghed jigi pretiz huwa infondat fil-fatt u fid-drit u minhabba l-fatt li ma inghatax inkarigu ghalhekk kellha tigi adottata din il-procedura;

Illi, stante li l-konvenut Francesco Mazzeo ammetta li l-hlas huwa dovut u dan kif ser jigi miuri fil-kors tat-trattazzjoni ta' din it-talba;

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali fl-ismijiet premessi datata l-10 ta' Marzu 2017.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti fid-29 ta' Mejju 2017, fejn eccepew:

1. Illi r-rikorrenti ma pprovdiex is-servizz li taghhom qed jivvanta t-talbiet tieghu ghall-hlas u wisq anqas gie inkarigat li jaghmel ix-xoghol allegatament maghmul minnu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema’ x-xiehda;

Sema’ t-trattazzjoni ta’ l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

It-Tribunal qies l-affidavit ta' l-attur[1], ix-xiehda tal-konvenut Franesco Mazzeo[2], il-Perit Alex Spiteri[3], Dr. Patrick Valentino[4].

Ikkunsidra:

Illi l-kawza titratta dwar servizzi legali moghtija mill-attur lill-konvenuti.

Illi l-attur xehed illi kien ghamel kuntratt mal-konvenuti fejn bhala avukat kien intrabat li jaghti servizzi legali lill-konvenuti, u dan matul ix-xahar ta' Jannar u Frar 2017. Xehed illi ghamel diversi xoghlijiet fuq inkarigu tal-konvenut Mazzeo, li gew elenkati fil-fatturi li esebixxa flimkien ma' l-affidavit. L-attur baghat zewg kontijiet, wiehed ghal Jannar 2017 u l-iehor ghal Frar 2017, izda wara t-tieni kont, il-konvenut cempillu, biex jghidlu li kien qed jittruffah u li kien qed japprofitta mis-sitwazzjoni tieghu. Sussegwentement, il-konvenut Mazzeo kien baghat e-mail lill-attur, fejn talbu jaqsam il-kont fuq zewg kumpaniji, u f'e-mail separata talbu jindikalu x'ried ifisser fil-parti tal-kont fejn indaklu 'varie'.

Illi l-konvenut Francesco Mazzeo qal li kwantu ghall-ewwel ammont mitlub fil-fattura a fol. 51, kull ma kien ghamel kien illi talab lill-attur jindikalu Perit, u l-attur tah isem ta' perit u ma ghamel xejn iktar. Dwar it-tieni punt f'dik il-fattura, il-konvenut qal li l-attur kellu jaghmel traduzzjoni ta' kuntratt, li baqghet ma saritx. Dwar it-tielet punt, li kien jittratta pjanti ta' fond fil-Hamrun, il-konvenut qal li dan ix-xoghol kien ghamlu kollu l-Perit, u mhux l-attur. Dwar jekk tax xi kuntratt lill-attur biex jaqrah u jtih parir dwaru, il-konvenut ma ftakarx, pero' wiegeb li jahseb li le. Xehed ukoll illi l-attur baqa' ma tahx il-kuntratt li kien hemm indikat fil-hames punt tal-fattura

[1] Fol. 22
[2] Fol. 74
[3] Fol. 87
[4] Fol. 106, u kontro-ezami tal-11 ta' Lulju 2018

msemmija. Illi kwantu ghat-tieni fattura, a fol. 54, dwar l-ewwel punt, il-konvenut qal li x-xoghol ghamlu l-Perit Alex Spiteri, u ta' dan thallas. Dwar it-tieni punt, li kien jikkonferna spezzjoni ta' hanut il-Qawra biex potenzjalment il-konvenut jibda jiggestieh, il-konvenut qal li ghalkemm l-attur kien hu li indikalu dan il-hanut, ma kienx gie infurmat li talli mar mieghu kien se jitolbu hlas. Wara din l-ispezzjoni, ma mmaterjalizza xejn. Dwar it-tielet punt, il-konvenut cahad ukoll li kien hemm xi darba li ltaqa' ma' l-attur dwar xi kundizzjonijiet ghall-gestjoni ta' l-appena msemmi hanut. Dwar ir-raba' punt, u cioe' laqgha f'Santa Venera, il-konvenut jghid li l-attur kien imur il-hanut biex jiehu l-breakfast u din aktar kienet tkun qisha tahdita milli laqgha tax-xoghol. Dwar il-hames punt, il-konvenut qal li s-socjeta' Creobar riedet taghmel website, u l-attur kien introduciehom lil certu Bjorn Azzopardi. Qal ukoll illi lill-attur kienu joffrulu l-breakfast, bhala skambju tal-pjaciri bejniethom.

Il-Perit Alex Spiteri, qal li kienu ltaqghu, hu flimkien ma' l-attur u l-konvenut biex jiddiskutu progett fil-Hamrun. Ix-xhud kien prepara certi proposti,u kien jghaddihom l-aggornament lill-attur. Ghal dan ix-xoghol, ix-xhud hareg il-kont, u hallsu l-konvenut Mazzeo. In kontro-ezami qal li li kien ghadda lill-attur id-dokumenti kollha relattivi ghall-applikazzjoni li kienet qed issir dak iz-zmien fuq il-fond tal-Hamrun.

L-Avukat Patrick Valentino xehed u ntwera l-kuntratt ta' kiri tal-fond fil-Hamrun appena msemmi u qal li dakinhar huwa kien qed jidher ghas-sid tal-fond u kien abbozza l-istess kuntratt hu, u ta' dan is-servizz thallas. In kontro-ezami xehed ikkonferma li l-klijent tieghu kien is-sid tal-fond fil-Hamrun.

Ikkunsidra ulterjorment;

Illi l-bazi tar-relazzjonijiet bejn il-kontendenti hija l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet[5], li l-iskop tieghu kien li l-attur jaghti servizzi legali, kemm gudizzjarji u kemm extra-gudizzjarji lill-konvenuti.

Illi l-attur jispjega l-ammonti dovuti kemm fl-affidavit tieghu izda partikolarment permezz ta' zewg fatturi li baghat lill-konvenuti. Il-konvenut laqa' ghall-pretensjonijiet ta' l-attur billi qal illi kien hemm istanzi fejn l-attur ma ghamilx ix-xoghol li tieghu kien qed jitlob il-hlas, filwaqt li kien hemm istanzi ohra fejn l-attur ma ntalabx jaghmel xoghol partikolari, ma kienx indika li ha jitlob il-hlas ghal attivitajiet partikolari, u kien biss meta rcieva l-kont li l-konvenut Mazzeo intebah illi l-attur kien qed jippretendi hlas ghal dak illi kien ghamel.

Illi t-Tribunal innota illi permezz ta' e-mail tas-6 ta' Marzu 2017[6], il-konvenut Mazzeo kien talab lill-attur sabiex jaqsam il-kont tieghu fuq zewg socjetajiet. L-attur irrifjuta li jaghmel dan, ghaliex il-kuntratt li ghamel kien mal-konvenuti odjerni u mhux ma' xi socjeta' ohra. L-attur jinterpreta l-e-mail tal-konvenut appena msemmija bhala accettazjoni tacita li ghandu jhallas l-ammonti mitluba, izda t-Tribunal mhuwiex ta' din il-fehma, anke ghaliex dak il-hin it-talba kienet illi l-invoices jinqasmu fuq zewg socjetajiet differenti, u mhux xi talba ohra li kienet minnha nfisha tfisser accettazzjoni tal-pretensjoni tal-attur, bhal kieku, per ezempju, il-konvenut talab illi jhallas f'pagamenti rateali. La l-fatturi kif prezentati, u lanqas il-fatturi kieku stess gew maqsuma, m'huma fihom infushom prova illi kellu jsir il-hlas.

Illi gie madankollu pruvat lit-Tribunal illi l-attur ghamel xi xoghol ta' natura legali fl-interess tal-konvenuti li jisthoqqlu jithallas tieghu, u ghalhekk it-Tribunal sejjer jillikwida l-hlas ghax-xoghol bil-mod kif gej:

---

[5] Fol. 28 et seq.
[6] Fol. 57

Riferibbilment ghall-fattura a fol. 51 tal-process, it-Tribunal jirrizultalu illi l-attur kien prezenti ghal laqgha, flimkien mal-konvenut Mazzeo, u l-Perit Alex Spiteri, dwar il-fond tal-Hamrun, u dan jirrizulta anke mix-xiehda tal-Perit Spiteri stess. Jirrizulta wkoll illi x-xoghol l-iehor relattiv ghall-kuntratti tal-fond 'Bean and Loaf' sar. Sar ukoll ix-xoghol relattiv ghall-kuntratt tal-fond fil-Hamrun, tant li l-attur anke esebixxa dan il-kuntratt (li allura juri li kien fil-pussess tieghu). Ghal dan il-kuntratt, l-attur qed jitlob biss hlas ghas-servizz ta' qari u konsulenza ta' l-istess, u ghalhekk dan ma jikkontradixxix dak li xehed l-Avukat Valentino, fis-sens illi kien dan ta' l-ahhar illi rrediga l-kuntratt. L-attur fil-fatt ma ppretendiex illi rredigieh hu, izda biss li qrah u ta parir dwaru. Lit-Tribunal pero' ma rrizultalux illi l-attur ghandu jithallas tat-tielet punt f'dik il-fattura, u cioe' 'Studio Hamun: Ricezione e analisi piante e permessi'. Dan huwa xoghol illi strettament ghamlu l-Perit Spiteri, anke kif jirrizulta minn dak li xehed il-Perit Spiteri stess, u l-attur ma kien obbligat jaghmel l-ebda xoghol dwar l-istess, minkejja li l-Perit Spiteri hass li kellu jikkupjah bid-dokumenti relattivi. Jidher li f'dan ir-rigward, ghalkemm l-attur kien hu nnifsu li introduca lill-konvenut mal-Perit Spiteri, dan ta' l-ahhar kellu relazzjoni professjonali separata mal-konvenut, u fil-fatt il-konvenut hallas lilu direttament. It-Tribunal, ghalkemm japprezza illi l-attur ircieva d-dokumenti relattivi ghal din l-applikazzjoni tal-Hamrun, (ghalkemm mhux car jekk dan kienx fuq talba tal-konvenut jew ta' l-attur innifsu), jara illi l-attur ma kellu ghalfejn jaghmel l-ebda xoghol fir-rigward u allura l-fattura a fol. 51 ghandha tithallas, hlief ghall-ammont ta' tlieta u hamsin Euro u ghaxar centezmi (€53.10) relattiv ghax-xoghol ta' pjanti u dokumenti appena msemmija (it-tielet punt f'dik il-fattura).

Illi kwantu ghat-tieni fattura (fol. 54), hawnhekk ukoll it-Tribunal irrizultalu illi kien hemm xoghlijiet li saru ai termini tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet, u cioe' allura xoghlijiet li huma prettament ta' natura legali, izda kien hemm xoghlijiet ohra li

jmorru lil hinn mill-kuntratt li kien hemm bejn il-partijiet u li t-Tribunal ma jirrizultalux li taghhom ghandu jintalab xi hlas. Dwar l-ewwel punt, diga' gie stabbilit illi l-partijiet kienu ltaqghu biex jiddiskutu l-progett tal-Hamrun, u ghalhekk dan ix-xoghol huwa dovut ghalih il-hlas. Dwar it-tieni punt, pero', il-konvenut xehed illi meta l-attur hajjru biex imur jara il-hanut tal-Qawra, ma kienx qallu li din l-ispezzjoni kienet ha ssir bi hlas. It-Tribunal fil-fatt jirrizultalu illi spezzjoni bhal din ma tirrientrax fl-iskop tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet, misjub a fol. 28 et seq. L-attur seta' sewwa ried li jhajjar lill-konvent Mazzeo sabiex jibda jiggestixxi dan il-hanut fil-Qawra, u propju hadu f'dan il-fond sabiex jarah, izda ma jistax jippretendi li jithallas ghal spezzjoni bhal din, meta dan is-servizz mhuwiex ta' natura legali, filwaqt li l-attur presta ruhu, matul ir-relazzjoni professjonali tieghu mal-konvenut, strettament bhala avukat; u t-Tribunal ma jaqbilx illi hlas bhal dan ghandu jintalab a bazi tal-kuntratt li l-partijiet ghandhom bejniethom. Jekk l-attur ried jitlob hlas ghal servizz mod iehor li ta, izda mhux fil-kapacita' ta' avukat, kellu kull dritt li jaghmel dan, izda mhux taht il-kappa tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet. It-Tribunal ghalhekk ma jaqbilx illi punt tnejn (2) f'dik il-fattura jisthoqq li jithallas. Kwantu ghal punt numru tlieta (3), pero', ghalkemm dan ghandu x'jaqsam ma' dak l-istess fond tal-Qawra msemmi f'punt numru tnejn (2), f'dan l-attur qed jitlob hlas ghal laqgha li saret mal-konvenut u ghal konsulenza li ta. Kunsidrat li dan ix-xoghol ghandu bixra legali, it-Tribunal jara li dan il-hlas huwa dovut, minkejja li skond ma qal il-konvenut, dwar dan in-negozju baqa' ma mmaterjalizza xejn. Dan ghaliex l-intervent ta' l-attur, in kwantu ta parir dwar dan in-negozju prospettiv, xorta sewa lill-konvenut sabiex jaghmel id-decizjoni tieghu dwar jekk jidholx ghall-gestjoni ta' dan il-hanut jew le. Illi kwantu ghal punt numru erbgha (4), il-konvenut laqa' ghal dan billi qal illi l-laqghat li kienu jsiru fil-hanut kienu iktar tahdit milli laqghat ta' xoghol. It-Tribunal pero' ma jaqbilx ma' din id-difiza, ghaliex ladarba l-konvenut ghazel li jkellem lill-attur dwar xoghol waqt li kien il-hanut tieghu, ma setax jippretendi li ma jhallasx, jew li jhallas billi joffrilu l-kolazzjon, kif donnu qed jaghti x'jifhem fix-xiehda tieghu. Dwar il-hames punt, it-Tribunal ma jaqbilx illi ghaliex l-attur issuggerixxa isem ta' *website developer* lill-konvenuti, dan ghandu jattira xi hlas. L-istess argument li sar dwar it-tieni punt japplika ghal dan il-punt ukoll, u cioe' illi l-hlas mitlub ma jirrientrax fl-ambitu tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet. Dwar is-sitt u l-ahhar punt, japplika l-istess ragunament li nghata dwar ir-raba' punt, u ghalhekk dan il-hlas huwa dovut. Minn din it-tieni fattura, ghalhekk it-

Tribunal jiddikjara illi m'ghandhomx jithallsu t-tieni u l-hames punt, li jammontaw b'kollox ghal mitejn u tnax-il Euro u erbghin centezmu (€212.40). Dan ovvjament qed jinghad bla pregudizzju ghal kull dritt t'azzjoni ohra li l-attur jidhirlu li jista' jkollu lil hinn mill-kuntratt ta' bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' limitatament l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa' limitatament ukoll it-talbiet ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-attur is-somma ta' tmin mija u disgha u erbghin Euro u sittin centezmu (€849.60), bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficcjali bin-numru 546/2017, u cioe' mill-10 ta' Marzu 2017 sal-hlas effettiv. L-ispejjez kif mitluba jithallsu kwantu ghal kwart mill-attur u tliet kwarti mill-konvenuti.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur